**30 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B..E., Q.C., C.St.J., B.A., LL.D. President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores B.L.Can., LL.D.**

Francis Grima

*versus*

Teresa mart Edward Kelly, M.B.E., et.

**KOMPETENZA "RATIONE MATERIAE" — KONVENUTI DIVERSI —**

*F'din il-kawża kien qiegħed jiġi impunjat l-att ta' rexissjoni ta' kuntratt ta' enfitewsi minħabba dolo.*

*Għal - finijiet tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti "ratione materiae" fil-każ presenti għandha tiġi kunsiderata biss in-natura ċivili jew kummerċjali tal-konċessjoni enfitewtika li ġiet rexissa bl-att impunjat.*

*Din l-enfitewsi setgħet kienet att kummerċjali għal wieħed mill-konvenuti, imma żgur li għal konvenuta l-oħra ma kienetx att kummerċjali.*

*Għalhekk f'dan il-każ la wieħed kien kummerċjant, u l-oħra le, il-Qorti kompetenti kienet il-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur — premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa; peress illi b'kuntratt tas-27 ta' Frar, 1954, in atti Nutar Dottor Joseph Spiteri l-imsemmija Teresa Kelly kienet ikkonċediet lill Thomas Dowdall, b'titolu ta' enfitewsi temporanea għażżmien ta' sbatax il-sena, il-fond numru 11, Birżebbugia Square, Birżebbugia, versu l-ħlas taċ-ċens annwu temporanew ta' £72; u peress li bi skrittura tat-12 ta' Lulju, 1956, l-imsemmi Thomas Dowdall kien kera parti segregata mill-imsemmi fond lill-attur għal skopijiet kommerċjali; u peress li b'att tan-Nutar Emanuele Agius tas-17 ta' Frar, 1960 il-konvenuti Cachia nomine u Kelly irrixendew, annullaw u ħassru l-att ta' l-enfitewsi temporanea preċitat li kien sar in atti Nutar Spiteri fis-27 ta' Frar, 1954; u peress li l-imsemmija rexissjoni saret bl-idea u bl-intiża li ssir ħsa-

ra lid-drittijiet ta' l-instanti naxxenti mill-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni tant li, in segwitu għal-dina r-rexissjoni, il-konvenuti Kelly qegħdin jippretendu li l-attur qed jokkupa l-ambienti lilu ġa mikrija mingħajr titolu u b'ċitazjoni Numru 326/60 presentata quddiem il-Qorti tal-Kummerċ qed jitolbu l-iżgumbrament tiegħu fi żmien qasir u perentorju li tiffissa dik l-istess Qorti, u peress li, kif l-attur eċċepixxa f'din l-aħħar kawża, l-imsemmija rexissjoni hi, għalhekk, nulla u inattendibbli fil-konfront ta' l-attur, talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmija rexissjoni saret b'qerq bi ħsara tal-jeddijiet ta' l-attur u hi għalhekk nulla u bla effett; salv kull dritt ieħor kompetenti lill-attur skond il-liġi; bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Beatrice mart Vincent Cachia minnu assistita, bħala prokuratriċi speċjali tal-assenti Thomas Dowdall li biha qalet li d-domandi attriċi huma nfondati għaliex hija rexindiet l-enfitewsi in eżami mingħajr ebda ħsieb li tinganna lill-attur, b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Teresa u Edward Kelly li biha qalu li l-alleggazzjonijiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni huma gratuwiti u bla ebda ombra ta' fondament u li huma ikkondixxendew li titħassar l-enfitewsi temporanea stipulata ma' Thomas Dowdall fuq talba ta' dana, wara li kien emigra għall-Awstralja, u għalhekk opponew ruħhom għat-talba u talbu li l-istess tiġi respinta bl-ispejjeż; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet tad-29 ta' Diċembru, 1960, li bieh ġiet maħruġa barra mill-kawża Beatrice Cachia bħala prokuratriċi ta' Thomas Dowdall u ġiet ordnata l-ispedizjoni tal-bandi għal kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Thomas Dowdall.

Rat id-digrieti tat-30 ta' Diċembru, 1960, u 11 ta' Jannar, 1961, li bihom ġew nominati bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lill-assenti Thomas Dowdall l-Avukat Dr. Ronald Conti u l-Prokuratur Legali Boris Darmanin;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Ronald Conti u l-Prokuratur Legali Boris Darmanin;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat Dottor Ronald Conti u l-Prokuratur Legali Boris Darmanin nomine li biha qalu li huma ma humiex edotti mill-fatti u rriservaw li jagħtu kull eċċezjoni fi stadju ulterjuri tal-kawża;

Rat is-sentenza mogħtija fil-25 ta' April, 1964 mill-Qorti fuq indikata li biha dik il-Qorti "ex officio" iddikjarat ruħha nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae" bl-ispejjeż kontra l-attur — wara li kkunsidrat;

Li ħasset li għandha tirrileva, qabel xejn, li din il-kawża ġiet quddiemha meta, kważi kienu ġa eżawriti l-provi, kompriżi dawk li saru bil-proċedura rogatorjali, u wara li ħadet konjizjoni tal-proċess, waslet għall-konkluzjoni li fih kienet qiegħda tiġi trattata kwistjoni ta' natura prettament kommerċjali. Kien għalhekk, li fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 1964, infurmat l-avukati tal-partijiet li ħasset il-ħtieġa li tissolleva "ex officio" l-inkompetenza tagħha "ratione materiae", liema kwistjoni ġiet regolarment trattata fl-istess udienza.

Illi skond l-artikolu 775 (8) tal-Proċedura Ċivili, fin-nuqqas ta' eċċezjoni ta' inkompetenza, il-Qorti għandha ex "officio" tiddikjara l-inkompetenza tagħha meta mħab-

ba x-xorta tal-ħaġa l-kawża ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-Qorti. Dana d-dmir mhux fakoltativ, iżda preċettiv, u l-Qorti ma tistax tinjorah meta tkun a konjizjoni ta' dawk l-elementi kollha li ta' bil-fors jinduċiha tiddikjara l-inkompetenza tagħha; u billi dina l-materja hija ta' ordni pubbliku, ma tistax tiddependi mill-att tal-partijiet (Kollez. VIII, 578, 579; XVIII, II, 439; XXIX, II, 468).

Illi l-kawża presenti tirrigwarda l-impunjazzjoni tal-kuntratt tar-rexissjoni ta' konċessjoni enfitewtika tal-ħanut Nru. 11, Birżebbugia Square, Birżebbugia li saret mill-konvenuti Cachia nomine u Kelly fl-atti tan-Nutar Emanuele Agius fis-17 ta' Frar, 1960 — liema talba hija bażata fuq il-ħsara u l-qerq li sata jsofri l-attur fl-inkwilinat tal-imsemmi ħanut, bħala konsegwenza tal-imsemmija rexissjoni.

Illi l-fond oġġett tal-kuntratt tal-enfitewsi u tar-rexissjoni relativi huwa ħanut, il-motivi tar-rexissjoni huma l-allegati qerq u danni, u l-attur u l-konvenut Thomas Dowdall, kif rappreżentat, huma t-tnejn kommerċjanti;

Illi għalhekk l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tal-kawża, għaliex il-materja involuta, hija kollha kemm hi ta' natura kummerċjali.

Illi infatti, ma jistax ikun hemm kwistjoni lil-fond "de quo" mhux ħanut għall-finijiet tal-liġi. Irriżulta li qabel il-konċessjoni enfitewtika l-fond kien ħanut ta' "Wines and Spirits", u li wara li ġie lokat lill-attur, dana kkonvertieh f'ħanut ta' "household goods" bil-permessi ta' "general store" (v. deposizzjoni ta' Josephine u Francis Grima). Meta l-fond ġie mikri lill-attur bl-iskrittura tat-12 ta' Lulju 1956 dana ġie mikri lilu bħala "business premises", u "l-inkwilin kien jista juża l-fond għall-kwalunkwe xorta

ta' negozju." Irrisulta, inoltri li meta l-konvenuta Kelly it-trasferiet il-mezzanin sovrappost għal-fond in kwistjoni, saret riserva favur l-akkwirent, li fil-każ li jkun hemm xi trattativi da parti ta'-venditriċi għall-bejgħ tal-fond sottostanti, li huwa ħanut, l-akkwirent ikollu dritt, f'parita ta' kondizjonijiet, għall-preferenza. Tant huwa hekk li l-konvenuta Kelly biex tiżgombra lill-attur mill-imsemmi ħanut iddeduċiet it-talba tagħha quddiem il-Qorti tal-Kummerċ (v. Citaz. Nru. 326/60 in re "Kelly vs. Grima"). Għalhekk taħt dana l-aspett, anki kieku ma kienx hemm elementi oħra, l-Qorti hija nkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża (Kollez. XXXVII, I, 77; 430), għaliex il-kwistjonijiet rigwardanti lokazjoni jew azzjoni ta' ħanut jidħlu fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ (Kollez. XXVII, III, 497; XXIX, II, 703).

"Illi "ex admissis" il-kontendenti qegħdin jallegaw li l-attur qiegħed jeserċita l-azzjoni Pawljana li tagħha huma rekwisiti prinċipali l-"consilium fraudis" u l-"eventus damni". Dawna l-elementi ta' dina l-azjoni ma jirrendux, għalhekk biss, dina l-Qorti kompetenti, billi ġie konstantament ritenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-qerq m'għandux proprjament indoli Ċivili jew Kommerċjali, imma huwa vizju li minnu att jew fatt ġuridiku jista jkun akkompanjat, u għalhekk l-azjoni għad-danni derivanti minn fatt illeċitu li kommerċjant jagħmel in konnessjoni mal-eserċizju tal-kummerċ tiegħu hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ. A propositu jgħid Vivante: "A torto si decide che la responsabilita per le colpe e essenzialmente civile . . . applicando al Diritto Commerciale la dottrina comune, possiamo dire che quando il-legislativo Commerciale parla di atti di Commercio senza limitarne espressamente il significato, vi comprende ogni fatto lecito o illecito, attinente alla materia commerciale, capace di gene-

rare conseguenze giuridiche" (Dto. Comm. Vol. 1, 32-103; Mortara u Supino Codice Commerciale Commentato Vol. X p. 81; Dto. Commerciale, p. 552. Collez. XXXIII, I, 639; XX, I, 305; XXXVI, II, 582; XXXVIII, II, 523; XXXVII, III, 932; 936; XXXV, II, 496);

Illi l-Qrati tagħha segwew l-istess prinċipji a rigward ta' mpunjazzjoni ta' kuntratti, u rritenew li huma kompetenti t-Tribunali Kommerċjali, meta n-natura tal-att attakkat hija kommerċjali; għaliex jekk dak it-tribunal kien kompetenti jieħu konjizzjoni ta' att li minnu twieled il-kuntratt, huwa anki kompetenti jissindaka l-azjoni relativa. (Kollez. XXXII, II, 460, konfermata fl-Appell fl-20 ta' Diċembru, 1946);

Illi tant l-attur kemm il-konvenut Dowdall huma kommerċjanti, u kwindi kwalunkwe att minnhom magħmul huwa presunt kommerċjali; u billi kif ġa ngħad, l-att li fuqu ġiet intentata l-kawża hu ta' natura kummerċjali, anki għall-konvenut Dowdall, kull azjoni minnu derivanti tmiss lill-Qorti tal-Kummerċ u skond l-art. 640(b) tal-Kodiċi Kummerċjali, huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar attijiet ta' kummerċ bejn kull xorta ta' persuna; u għalhekk anki l-kwistjoni tal-impunjazzjoni tal-kuntratt li fih ha parti il-konvenut Dowdall taqa taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Kommerċ. (Kollez. XXVIII, I, 205): għaliex huwa paċifiku li l-kompetenza hija determinata mill-indoli tal-obbligazjoni in relazjoni għall-obbligat (Kollez. XXXII, II, 247; u s-sentenzi citati fiha; XXXVI II, 582);

Illi ma jistax jingħad li l-konvenuti Kelly huma kommerċjanti; pero b'daqshekk għalihom ma tibqax kompetenti dina l-Qorti. Infatti meta d-domanda hija diretta

kontra żewġ konvenuti li l-atti tagħhom huma inseparabili għall-finijiet tal-azzjoni tal-attur, huma wkoll inseparabili għall-finijiet ta' l-istess azzjoni il-persuni ta' dawk il-konvenuti, ġa la darba l-attur ikun għażel li jazzjonihom it-tnejn; u għalhekk f'każ simili għandha tkun kompetenti Qorti waħda biex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni proposta mill-attur. Meta l-att tal-konvenut li mhux kummerċjant huwa kollegat mal-att tal-konvenut li huwa kummerċjant — fil-każ presenti bil-vinkolu tas-solidarita, għax naxxenti minn allegazjoni ta' qerq, — il-Qorti kompetenti hija dik tal-Kummerċ (art. 37 (2) (3); Proċedura Ċivili; Kollez. XXXVI, III, 658; 685; Sentenza Prim' Awla in re "Joseph Zammit vs. Joseph Borg"; deciża fit-22 ta' Jannar, 1964).

Rat ir-rikors tal-attur li bih talab illi din il-Qorti tiddikjara liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża u tirrinvija l-atti tagħha lill Qorti li tiġi dikjarata kompetenti għad-definizzjoni ta' l-istess kawża;

Rat ir-risposta tal-konvenuti Teresa mart Edward Kelly u ta' l-istess Edward Kelly li biha ddikjaraw li jirrimettu ruħhom għall-ġjudizzju ta' din il-Qorti;

Rat l-attijiet l-oħra kollha tal-kawża;

Semgħet lid-difensuri;

Ikkunsidrat:

Illi l-motiv li għalih l-ewwel Qorti rriteniet li l-kawża mhiex ta' kompetenza tagħha imma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha r-Reġina hu dak — kif qalet l-ewwel Qorti — li l-materia involuta fil-kawża

hija kollha kemm hi ta' natura kummerċjali għaliex:

(1) il-fond oġġett tal-kuntratt ta' l-enfitewsi u tar-rexissjoni relativa huma ħanut; (2) il-motivi tar-rexissjoni huma l-allegati qerq u danni, u (3) l-attur u l-konvenut Thomas Dowall huma t-tnejn kommerċjanti.

Pero, għal-finijiet tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti "ratione materiae" fil-każ presenti għanda tiġi konsiderata biss in-natura ċivili jew kummerċjali tal-konċessjoni enfitewtika magħmula bil-kuntratt fuq riferit in atti Dottor Joseph Spiteri tas-27 ta' Frar, 1964, li ġie rexiss bil-kuntratt in atti Emanuele Agius tas-17 ta' Frar, 1960 impunjat fuq il-motiv ta' l'allegata intiża bejn il-konvenuti li jarrekaw ħsara lid-drittijiet ta' l-attur naxxenti mill-fuq imsemmija skrittura privata ta' lokazjoni favur l-istess attur ta' parti mil-fond formanti l-oġġett ta' l-enfitewsi fuq imsemmija. Kwalunkwe konsiderazjoni oħra ma tistax tkun tiswa għad-definizzjoni ta' din il-kwistjoni rigwardanti il-kompetenza tal-Qorti:

Issa l-enfitewsi fuq imsemmija setgħat kienet subbjettivament u forsi ukoll obbjettivament att kummerċjali għal-konvenut Dowdall, imma żgur li ma kienetx att kummerċjali għall-konvenuta Kelly, u kwindi l-azjoni kontra l-istess konvenuta Kelly ma tmiss lil-Qorti tal-kummerċ imma inveċi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina, u l-kwistjoni allura hi liema miż-żewġ Qrati hi kompetenti rigward iż-żewġ konvenuti f'limkien.

Huwa veru illi anki f'kwistjonijiet ta' inkompetenza "ratione materiae" ġiet applikata f'xi sentenzi tat-tribunali tagħna ("Gauci-Sammut", Kollez. XXIX, p. II, pag. 468; "Cefai-Saliba", Kollez. XXXI, p. 1, pag. 7), bi kriterju ta'

analogija, ir-regola kontenuta fl-aħħar paragrafu ta' l-artikolu 769 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u ntqal li l-Qorti deklinata minn wieħed mill-konvenuti ssir inkompetenti għall-kullħadd; pero dawk is-sentenzi imxew fuq is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Mejju, 1859, fil-kawża "Spiteri-Fench" (Kollez. 1858-60, pag. 229, 230) imma evidentement mingħajr ma qadu iqisu sewwa jekk iċ-ċirkostanzi kienux appuntu bħal dawk presenti fil-każ definit bl-imsemmija sentenza, li lanqas ma ġiet interpretata sewwa, kif jirriżulta minn dak li sejjer jingħad.

Inveru, fil-każ deċiż bl-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti il-konvenuti ma kienux tnejn biss li wieħed minnhom kien kummerċjant u l-ieħor ma kienx; imma kienu kummerċjanti il-maġġjur parti tal-konvenuti u kien għalhekk, iġifieri minħabba li kien hemm numru akbar ta' konvenuti bi kwalità diversa, li ġie applikat, b'analogia, it-tieni paragrafu ta' l-artikolu 769 (allura 755) tal-Kodiċi tal-proċedura ċivili; imbagħad dik is-sentenza, wara li qalet li f'ċirkostanzi simili hu applikabli l-argoment, it-tieni paragrafu ta' l-imsemmi artikolu "giusta il quale la Corte di eccezione declinata da uno si rende incompetente per tutti," aġġunġiet immediatament li kien hemm raġuni oħra biex tiġi dikjarata kompetenti l-Qorti Ċivili, iġifieri r-regola "di ragione comune che nel caso più convenuti con uno solo e medesimo libello alcuni dei quale giudicabili sotto la giurisdizione civile ed altri sotto la giurisdizione commerciale, la causa debba trattarsi relativamente a tutti sotto la giurisdizione civile."

Għalhekk fil-każ presenti ma kienx hemm lok li tiġi sollevata l-eċċezjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti.

Kwindi tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fil-25 ta' April, 1964; tiddikjara u tiddeċidi [illegible]

dik il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizjoni tal-kawża, u tordna illi l-atti ta' l-istess kawża jiġu mibgħuta lura lil dik il-Qorti biex tkompli tismaħha u tiddeċidiha.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi kompriż id-dritt tar-reġistru jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed.